**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2023/2139(DEC)**

5.11.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza 2022: Baġit Ġenerali tal-UE – L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew
(2023/2139(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Gilles Lebreton



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iħeġġeġ lis-servizzi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u tal-Prosekuturi Delegati Ewropej ikomplu l-ħidma tagħhom b’mod ikkoordinat u jiżguraw is-sorveljanza effettiva tal-attivitajiet ta’ pproċessar tad-data, u fl-istess ħin jiggarantixxu r-rispett lejn id-drittijiet tal-individwi għall-protezzjoni tad-data;

2. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta’ apprezzament tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew fit-trattament tat-talbiet għat-tneħħija tal-immunitajiet indirizzati lill-Parlament Ewropew fl-2022;

3. Jisħaq fuq l-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u r-responsabbiltà speċjali tiegħu fil-konfront ta’ istituzzjonijiet oħra u l-pubbliku ġenerali f’oqsma li ġejjin mis-sistema ġudizzjarja;

4. Ifakkar fl-appoġġ qawwi tal-PE għall-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE); jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-UPPE bħala korp indipendenti tal-Unjoni Ewropea fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja ta’ reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jissottolinja li mindu beda l-operazzjonijiet tiegħu fl-1 ta’ Ġunju 2021, l-UPPE rreġistra aktar minn 4000 rapport dwar il-kriminalità mill-Istati Membri u partijiet privati parteċipanti tal-UE u nfetħu aktar minn 929 investigazzjoni (sa Ġunju 2022);

5. Ifakkar li ġie stabbilit reċentement, iżda madankollu jistiednu, fir-rapporti uffiċjali li huwa mitlub jiżviluppa mal-istituzzjonijiet nazzjonali u Ewropej, jinforma lilu nnifsu dwar id-diversi proċeduri li huma jimplimentaw u jikkonforma magħhom u li joqgħod attenti li ma jimminax l-istatus u l-kompiti tiegħu.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva ebda kontribut minn xi entità jew persuna li għandha tissemma' f'dan l-Anness skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 29.11.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 14<br>–: 3<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pascal Arimont, Geoffroy Didier, Ibán García Del Blanco, Virginie Joron, Pierre Karleskind, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Javier Zarzalejos |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniel Buda, Pascal Durand, Heidi Hautala |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sylvie Guillaume, Pedro Marques, Anne-Sophie Pelletier |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 14 | + |
|---|---|
| ECR | Raffaele Stancanelli |
| ID | Virginie Joron, Gilles Lebreton |
| NI | Sabrina Pignedoli |
| PPE | Pascal Arimont, Daniel Buda, Geoffroy Didier, Jiří Pospíšil, Axel Voss, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos |
| The Left | Anne-Sophie Pelletier |
| Verts/ALE | Heidi Hautala, Sergey Lagodinsky |

| 3 | - |
|---|---|
| Renew | Pierre Karleskind, Karen Melchior, Adrián Vázquez Lázara |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni